Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9747 — Lagardère Travel Retail/BTA/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 83/13)

1. Fis-6 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Lagardère Travel Retail S.A.S. ("Lagardère", Franza), li tappartjeni għall-grupp Lagardère (Franza),

— BTA Havalimanlari Yiyecek Ve Icecek Hizmetleri A.S. ("BTA", it-Turkija), li tappartjeni għall-grupp Aéroports de Paris ("ADP", Franza).

Lagardère u BTA jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-kumpanija joint venture li għad trid tiġi stabbilita fil-Ġordan.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Lagardère: toffri servizzi ta' vvjaġġar lill-konsumaturi u servizzi tal-ikel u bħalissa hija attiva f'39 pajjiż mad-dinja kollha, inklużi fl-Ewropa u l-Lvant Nofsani. Lagardère hija sussidjarja u proprjetà indiretta kollha kemm hi ta' Lagardère SCA, il-kumpanija prinċipali finali tal-grupp Franċiż, Lagardère, li huwa kkwotat fil-Borża ta' Pariġi,

— PAI: toffri servizzi ta' ikel u xorb fl-ajruporti u linji tat-tbaħħir f'disa' pajjiżi fl-Ewropa u l-Lvant Nofsani. Hija tappartjeni għall-grupp ta' kumpaniji tal-Aéroport de Paris SA li huwa inkoporat fi Franza u li huwa kkwotat fil-Borża ta' Pariġi,

— il-joint venure maħluqa ġdida: attiva fit-tħaddim ta' konċessjonijiet ta' servizzi tal-ikel u ta' servizzi ta' vvjaġġar għall-konsumaturi fl-ajruporti fil-Ġordan, jiġifieri b'mod partikulari fil-Queen Alia International Airport f'Amman.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9747 — Lagardère Travel Retail/BTA/JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË